

Brussell, 4 ta' Jannar 2021  
(OR. en)

5005/21

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0378(COD)**

---

---

**CODEC 2**  
**AGRILEG 2**  
**FORETS 1**  
**SEMENCES 2**

### **NOTA TA' TRASMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 852 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE fir-rigward tal-ekwivalenza ta' materjal riproduttiv tal-foresti prodott fir-Renju Unit għal materjal bħal dan prodott fl-Unjoni

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 852 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 852 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.12.2020  
COM(2020) 852 final

2020/0378 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE fir-rigward tal-ekwivalenza ta' materjal riproduttiv tal-foresti prodott fir-Renju Unit għal materjal bħal dan prodott fl-Unjoni**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE tistabbilixxi regoli għall-ekwivalenza ta' materjal riproduttiv tal-foresti prodott f'pajjiżi terzi.

Wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fl-1 ta' Frar 2020, u fid-dawl tat-tmim tal-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-Ftehim dwar il-ħruġ) fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-Renju Unit issottometta talba lill-Kummissjoni sabiex din tirrikonoxxi l-ekwivalenza, fir-rigward tal-materjal riproduttiv tal-foresti prodott f'dak il-pajjiż li jikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE.

Ir-Renju Unit ittraspona u implimenta d-Direttiva 1999/105/KE b'mod effettiv sa mill-adozzjoni tagħha.

Huwa informa lill-Kummissjoni li l-leġislazzjoni rispettiva tiegħu, li ttrasponiet dik id-Direttiva, mhijiex se tinbidel u se tkompli tapplika mill-1 ta' Jannar 2021. Il-Kummissjoni eżaminat il-leġislazzjoni tar-Renju Unit u kkonkludiet li l-materjal riproduttiv tal-foresti prodott fir-Renju Unit huwa ekwivalenti għall-materjal riproduttiv tal-foresti prodott fl-Unjoni u konformi mad-Direttiva 1999/105/KE, peress li tal-ewwel joffri l-istess assigurazzjonijiet fir-rigward tal-approvazzjoni tal-materjal bażiku tiegħu u tal-miżuri meħuda għall-produzzjoni tiegħu għall-fini ta' kummerċjalizzazzjoni, bħal tal-aħħar.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din hija implimentazzjoni teknika tar-rekwiżiti eżistenti u, għalhekk, hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika jew tal-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konformi mal-għanijiet tal-politika kummerċjali u agrikola tal-Unjoni, għaliex se tagħti spinta lill-kummerċ tal-materjal riproduttiv tal-foresti li jikkonforma mar-regoli tal-Unjoni.

### 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' dan l-att hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, li jagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tal-objettivi tal-politika agrikola komuni.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Ir-rekwiżiti għall-materjal riproduttiv tal-foresti huma rregolati fil-livell tal-Unjoni. Sabiex jiġi ggarantit li l-materjal importat mir-Renju Unit ikun jista' jiċċaqlaq liberament fis-suq intern, hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Din hija l-unika forma possibbli ta' azzjoni tal-Unjoni sabiex jintlaħaq l-objettiv mixtieq.

- **Għażla tal-istrument**

Deċiżjoni hija l-istrument xieraq għal din l-implimentazzjoni teknika tar-rekwiżiti eżistenti.

### 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

MHUX APPLIKABBLI

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma kienet meħtieġa l-ebda konsultazzjoni separata, minħabba li l-inizjattiva tikkonċerna biss l-implimentazzjoni teknika tar-regoli eżistenti u ma saret l-ebda konsultazzjoni separata taħt inizjattivi simili fil-passat.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni wettqet analiżi leġiżlattiva bi skambju mar-Renju Unit. Ir-Renju Unit ittraspona u implimenta d-Direttiva 1999/105/KE u l-atti ta' implimentazzjoni tagħha u kkonforma mar-rekwiżiti tagħhom qabel il-ħruġ tiegħu mill-Unjoni. Ir-Renju Unit informa lill-Kummissjoni li din il-leġiżlazzjoni mhijiex se tinbidel u se tkompli tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din hija Deċiżjoni ta' natura purament teknika, li timplimenta r-regoli eżistenti, u għalhekk ma hemm l-ebda rekwiżit għal valutazzjoni tal-impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta mhijiex marbuta mar-REFIT. Il-proposta se żżomm il-kummerċ tal-materjal riproduttiv tal-foresti bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni. Għalhekk, l-ekwivalenza tkun tikkontribwixxi għaż-żamma tal-provvista kontinwa ta' żerriegħa ta' kwalità għolja fl-Unjoni. Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-kostijiet tal-konformità għall-operaturi. Il-“Kontroll Diġitali” mhuwiex applikabbli għal din il-proposta.

- **Drittijiet fundamentali**

MHUX APPLIKABBLI

### 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Xejn

### 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

MHUX APPLIKABBLI

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

MHUX APPLIKABBLI

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE tiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom il-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategoriji “sors identifikat”, “magħżula” u “kwalifikati” prodott f’pajjiż terz elenkat fl-Anness I ta’ dik id-Deċiżjoni għandu jiġi importat fl-Unjoni. Dan japplika, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II ta’ dik id-Deċiżjoni u fid-Direttivi tal-Kunsill 2000/29/KE u 2001/18/KE. Sistemi għall-approvazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-materjal bażiku u għall-produzzjoni sussegwenti tal-materjal riproduttiv minn dan il-materjal bażiku, taħt il-kontroll tal-awtoritajiet ta’ pajjiżi terzi stabbiliti fl-Anness I ta’ dik id-Deċiżjoni, jew taħt is-superviżjoni uffiċjali ta’ dawn l-awtoritajiet, applikati fil-pajjiżi terzi elenkati f’dak l-Anness, għandhom jitqiesu ekwivalenti għal dawk imwettqa mill-Istati Membri f’konformità mad-Direttiva 1999/105/KE.

Id-dispożizzjoni sostantiva unika fil-proposta żżid lir-Renju Unit mal-lista ta’ pajjiżi, li għalihom l-Unjoni tirrikonoxxi l-ekwivalenza tal-materjal riproduttiv tal-foresti, u b’mod partikolari l-kategoriji “sors identifikat”, “magħżula” u “kwalifikati”, mal-materjal rispettiv prodott fl-Unjoni. Dan huwa bbażat fuq l-eżami tal-leġiżlazzjoni applikabbli tar-Renju Unit u fuq il-konklużjoni li r-rekwiżiti u s-sistema li għandu fis-seħħ huma ekwivalenti għal dawk tal-Unjoni, u b’mod partikolari tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE, u joffru l-istess assigurazzjoni bħas-sistema tal-Unjoni.

Wara l-inklużjoni tar-Renju Unit fil-lista ta’ pajjiżi fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/97, l-importazzjonijiet ta’ materjal riproduttiv tal-foresti mir-Renju Unit lejn l-Unjoni għandhom ikunu permessi.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE fir-rigward tal-ekwivalenza ta' materjal riproduttiv tal-foresti prodott fir-Renju Unit għal materjal bħal dan prodott fl-Unjoni**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE<sup>1</sup> tistabilixxi regoli għall-ekwivalenza ta' materjal riproduttiv tal-foresti prodott f'pajjiżi terzi.
- (2) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE<sup>2</sup> tapplika għall-marketing ta' materjal riproduttiv tal-foresti fl-Unjoni. Din tikkonċerna l-materjal riproduttiv ta' dawk l-ispeċijiet ta' siġar u tal-ibridi artifiċjali tagħhom, li huma importanti għall-finijiet tal-forestrija fl-Unjoni kollha jew f'parti minnha.
- (3) Ir-Renju Unit ittraspona u implimenta b'mod effettiv id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE, kif ukoll l-atti ta' implimentazzjoni tagħha.
- (4) Id-dritt tal-Unjoni, li jinkludi d-Direttiva 1999/105/KE u d-Deċiżjoni 2008/971/KE, huwa applikabbli għar-Renju Unit u fih, matul il-perjodu ta' tranżizzjoni li jntemm fil-31 ta' Diċembru 2020, f'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-Ftehim dwar il-Ħruġ), u b'mod partikolari mal-Artikolu 126 u mal-Artikolu 127(1) tiegħu.
- (5) Fid-dawl tat-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit issottometta talba lill-Kummissjoni għar-rikonossiment tal-ekwivalenza, mill-1 ta' Jannar 2021, ta' materjal riproduttiv tal-foresti prodott f'dak il-pajjiż b'tali materjal prodott fl-Unjoni f'konformità mad-dritt rispettiv tal-Unjoni.

<sup>1</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/971/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-ekwivalenza ta' Materjal Riproduttiv tal-Foresti prodott f'pajjiżi terzi (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 83).

<sup>2</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti (ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17).

- (6) Ir-Renju Unit informa lill-Kummissjoni li l-leġiżlazzjoni tiegħu, li ttrasponiet id-Direttiva 1999/105/KE, mhijiex se tinbidel u se tkompli tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.
- (7) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni rilevanti tar-Renju Unit. Hija kkonkludiet li l-materjal riproduttiv tal-foresti, u b'mod partikolari l-kategoriji "sors identifikat", "magħżula" u "kwalifikati", prodott fir-Renju Unit huwa ekwivalenti għall-materjal riproduttiv tal-foresti prodott fl-Unjoni u konformi mad-Direttiva 1999/105/KE u mal-kundizzjonijiet tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/971/KE, peress li tal-ewwel joffri l-istess assigurazzjonijiet fir-rigward tal-approvazzjoni tal-materjal bażiku tiegħu u tal-miżuri meħuda għall-produzzjoni tiegħu għall-finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni bħal tal-aħħar.
- (8) Għalhekk, huwa xieraq li tiġi rikonoxxuta l-ekwivalenza tat-tali materjal riproduttiv tal-foresti prodott fir-Renju Unit għal dak prodott fl-Unjoni.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Renju Unit jiġi inkluż fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/971/KE, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq f'konformità mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2008/971/KE tiġi emendata skont dan,
- (11) Billi l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

#### **Emendi għad-Deċiżjoni 2008/971/KE**

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/971/KE huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

#### **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

#### *Artikolu 3*

#### **Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*